Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 70
# It-Tnejn 12 ta'Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Agius – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 70.1 kommunikazjoni ta' Transport Malta dwar il-parkeġġ go Rue D'Argens;

70.1.01

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti ghala sejjhet il-laqgħa tal-Kunsill b'urġenza halli tiddiskuti kommunikazjoni ta' Transport Malta li inghatat waqt laqgha imsejha minnhom dwar il-parkeġġ go Rue D'Argens, fejn gie diskuss u propost mar-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali l-Imsida , rapprezentanza tal-GRTU u b'intervent telefoniku tal-Ispettur tat-Traffiku ir-raġuni ghax qed ikun hemm kongestjoni ta' traffiku go zona minħabba dan il-parkeġġ.Hawn kompliet tispjega li hi wiegbithom li mhux accetatabli li jitnehha il-parkegg u Trasport Malta ghamlu proposta ohra biex go Rue d'Argens ma jkunx hemm parkeġġ bejn is-6:00 ta' filgħodu u s-6:00 ta' filgħaxija <Min Trasport Malta>.Is-Sindku gharrfet lill Trasport Malta li se sejjah laqgha b'urgenza biex tigi diskussa din il-komunikazjoni.

Mizjuda:<Min Trasport Malta>

Il-kunsilliera tkellmu fuq diversi punti u kollha kienu tal fehma li fl-ebda hin ma kien qed ikun hemm kongestjoni ta' traffiku.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hija bhal kunsilliera oħra ghaddiet mit-triq fil-ġranet li għaddew u ma kienx hemm kongestjoni, anzi din gieli kienet kwazi vojta waqt li gharrfet lill-kunsilliera prezenti li s-Segretarju Eżekuttiv mar bosta drabi fuq il-post biex josserva l-andament tat-traffiku u fl-ebda hin ma sab kongestjoni jew ostakli kkawżati minn dan il-parkeġġ u ha diversi filmati u ritratti fejn juri dan bic-car.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li dak li osserva kien li l-vetturi riedu jieqfu għal ftit waqtiet sakemm jaqsmu n-nies minn fuq il-pedestrian crossing, ħdejn l-għassa u ohra ftit aktar il-fuq, biss dan xorta kien qed jigri qabel ma kien hemm il-parkegg u ma kien qed johloq l-ebda kongestjoni ta' traffiku.

Is-Sur Maurice Agius qal li fost il-Gimgha l-andament tat-traffiku kien miexi sew hlief ghal ftit hin Nhar il-Ġimgha, 9 ta' Marzu li kien ikkawżat minn trakk li waqaf b'xi hsara u sakemm tnehha.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai proponiet biex ssir talba lill Trasport Malta biex tiġi riveduta u posposta sakemm isir moniteragg xieraq flimkien u fuq il-post ma' rappreżentanti tal-Kunsill, tat-TM u l-pulizija, ghal numru ta' ġranet u f'ħinijiet differenti.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li meta ikun hemm il-pulizija tat-traffiku li huma regolari mal-lights ta' Triq Mikiel Anton Vassalli, l-andament tat-traffiku ikun għaddej tajjeb, iżda meta jinbidlu dawn il-pulizija tat-traffiku, dan ma jkunx daqshekk kkontrollat ghalhekk hemm bzonn li Trasport Malta ikunu jafu dan.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li jidher li l-kunsilliera prezenti kollha qed jaqblu u staqsa jekk din tistax tibdel id-decizjoni ta' Trasport Malta ghax jidher li dawn ga ddecidew.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li dawn huma l-Awtorita' li tirregola t-traffiku izda l-kunsill jista jaqbel jew ma jaqbilx u jesprimi l-opinjoni tieghu bhal ma gara f'lokalitajiet ohra.

Il-Kunsilliera prezenti ghamlu diskussjoni u qablu unanimament li ghanda tintbghat talba lit-Transport Malta tikkunsidra tipposponi d-decizjoni taghha ghall-ġimgħa biex issir osservazzjoni tal-andament tat-traffiku u wara ssir laqgħa bejn il-partijiet kkonċernati, biex jiġu diskussi r-riżultati ta' din l-osservazzjoni qabel ma tittieħed id-deċiżjoni.

Is-Sur Emanuel Brincat ssugerixxa biex hadd ma jtella xejn fuq miedja sakemm tinqata' id-decizjoni ta' Trasport Malta.

Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament

## 70.8 Tmiem tal-laqgħa.

70.8.01 Il-laqgha ntemmet fis-7:50 pm

Minuti konfermati, illum 27 ta' Marzu 2018

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |